Heritage Malta

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

# PROGRAMM T'ATTIVITAJIET TEMATIĊI GĦALL-GRUPPI TAL-KINDERGARTEN GĦAS-SENA 2019/2020

Kull ġurnata ser noffru żewġ sessjonijiet, waħda li tibda fid-9.15am u oħra fill-11.00am. Kull attività ddum siegħa u nofs.
L-istudenti ser ikollhom waqfa ta' madwar għoxrin minuta. Għal dawn il-programmi edukattivi qed naċċettaw massimu ta' 20 student f'kull grupp.

Għal kull programm tematiku tinġabar donazzjoni ta' **€1** minn kull student sabiex tkopri l-ispejjeż tal-materjal użat.
L-attività tista' tiġi offruta kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dan irrid jiġi ndikat fil-formola tal-*booking*.

Waqt dawn l-attivitajiet se jittieħdu xi ritratti li wara ser jintużaw fuq il-media soċjali ta' Heritage Malta. Hija responsabbiltà tal-edukaturi li javżaw lill-ħaddiema ta' Heritage Malta jekk hemm xi tfal li m'għandhomx permess jidhru fir-ritratti

| Attività | Deskrizzjoni Qasira | Sena | Rabta mal-Kurrikulu | Mużew / Sit | Data |
|---|---|---|---|---|---|
| **K01-19/20 Ħlejjaq li jgħixu madwarna** | Programm t'attivitajiet li jintroduċu lit-tfal mal-ambjent naturali b'enfasi fuq l-għasafar u l-friefet il-lejl. | Kinder 2 | Żvilupp Intellettwali: Smiegħ ta' stejjer, Nesploraw id-dinja li ngħixu fiha, Tagħżel u tikklassifika, Isaqsu mistoqsijiet, Osservazzjoni, Kreattività fl-arti. | Il-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali, l-Imdina. | 15, 16, 17, 18 u 19 ta' Mejju 2020 |
| **K02-19/20 Nivvjaġġaw lura fiż-żmien** | L-attività tikkonsisti f'dawra animata fit-tempji ta' Ħaġar Qim. L-istudenti jkollhom ukoll kaċċa għat-teżor. It-teżor li jsibu ser jużawh sabiex joħolqu oġġetti li raw fl-istess tempju. | Kinder 2 | Żvilupp Intellettwali: Smiegħ ta' stejjer, Nesploraw id-dinja li ngħixu fiha, Kreattività fl-arti, Kunċetti storiċi. | It-Tempji ta' Ħaġar Qim, il-Qrendi. | 25, 26, 27, 28, 29, ta' Mejju 2020. |

**Sabiex tibbukjaw dan il-programm edukattiv agħfas din il-link: https://heritagemalta.org/schoolbooking/thematic-activities/**
**Għal aktar informazzjoni ibagħtu email lil Vanessa Ciantar fuq vanessa.ciantar@gov.mt. Il-*booking* tiegħek ma jiġix aċċettat sakemm tasal email ta' konferma minn Heritage Malta.**